

NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

*Lulju - Awissu 2000* *Nru: 115*


## Messaġġ mill-Arċipriet

Kristu l-bieraħ, illum u dejjem! Din hi l-verita' li l-Knisja Kattolika qed ixxandar f'din is-sena tal-Ġublew il-Kbir- f'għeluq l-2000 sena mill-ġrajja ta' l-Iben t'Alla li sar bniedem għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna.

Kienet ġrajja li ttrasformat l-istorja ta' l-umanita'. Hu fix-xewqa dellija tagħna li l-bnedmin tal-qedem fittxew il-ferħ tar-ruħ u l-paċi tal-qalb. Meta l-ġrajja ta' l-Inkarnazzjoni seħħet fil-milja taż-żminijiet, appuntu 200 sena ilu, ix-xewqa misterjuża tal-bniedem tal-qedem saret l-għajn il-ġdida ta' ħajja ġdida għall-umanita': għajn ta' mħabba ġdida lejn Alla, ta' xhieda, eroiżmu, qawwa u qdusija liema bhala. Ħarsu lejn San Ġorġ u taraw fih x'kapaċi twettaq il-grazzja ta' l-Iben t'Alla magħmul bniedem f'min jilqagħha u jikkollabora magħha.



Hija ħasra li din il-verita' ta' salvazzjoni, u l-grazzja tagħha, ftit li xejn qed jidhru fil-ħajja ta' kuljum ta' bosta mill-insara tallum. Meta qed ngħidu Kristu "illum" nifhmu li hu ĠesùKristu li jirrevelana s-sens ta' ħajjitna; hu ĠesùKristu l-ispirazzjoni tagħna; hu ĠesùKristu d-dawl, it-triq, ix-xewqa, il-ferħ, il-paċi u l-istess ħajja tagħna. Dan kien ĠesùKristu għaż-żgħażugħ ta' Lidda fiż-żmien tal-ħajja tiegħu fuq din l-art. Dan għandu jkun ĠesùKristu għalina llum.

Waqt li nifirħu fil-festa ta' San Ġorġ, ejjew niftakru fix-xhieda tiegħu għall-verita' qaddisa li qed inxandru f'dan il-Ġublew il-Kbir. Ejjew nitnebbħu mit-tbatija erojka li sofra għal ĠesùKristu u għall-Knisja tiegħu. Ejjew nixorbu mill-imħabbali biha ħabb u stinka għal Ġesùu għall-Knisja li aħna membri tagħha.

Għalhekk importanti ħafna li f'dawn il-jiem inwettqu tlett impenji importanti ħafna. L-ewwelnett l-impenn tat-tagħlim. Bħalissa qed isiru ħafna u ħafna priedki dwar San Ġorġ, speċjalment dawk tad-Tridu u l-Paniġierku. Titilfuhomx! It-tieni l-impenn tal-konverzjoni u tas-santifikazzjoni: Fittxu s-sagramenti tal-qrar u tat-tqarbin, u s-sehem sħiħ u attiv fil-liturġija. It-tielet, l-impenn tal-ġenerożita' ma' xulxin. Il-festa hi okkażjoni biex naħfru lil xulxin, nittolleraw lil xulxin, ngħinu u nifirħu ma' xulxin, b'xhieda vera ta' l-imħabba ta' Kristu li hemm fina u ta' l-imħabba tagħna lejn San Ġorġ il-Patrun għażiż tagħna.

**Ejjew f'dawn il-jiem nuru l-ispirtu ta' Kristu li jinsab fina. San Ġorġ hu l-eżempju tagħna, l-għajnuna tagħna, l-ideal tagħna. Għalih Kristu talbilħaq kien "il-bieraħ, illum u dejjem". Kien u għadu: Kif għandu jkun għalina.**

*Mons Ġużeppi Farrugia*
Arċipriet


LBV 104
LEHEN IL-BELT VICTORIA
104 FM stereo

*"LEHEN IL-BELT VICTORIA"*
*Ir-Radju tal-Komunità Tagħna*
**104 FM Stereo**
*17-il Siegħa ta' Programmi Kuljum*

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA TA' KULL XAHREJN

Ufficcju Editorjali: CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.
Tel : 55 63 77 • Fax: 55 69 81
Email: sangorg@vol.net.mt
Website: www2.vol.net.mt/org/sangorg


## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

*18.06.2000:* **EMMA** bint Joseph Galea u Sonia nee' Aquilina
*08.07.2000:* **MATTHEW** iben Raymond Scerri u Michelle nee' Farrugia

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

17.06.2000: Duncan Axisa u Marietta Vella
24.06.2000: Carmel Spiteri u Liliana Farrugia
01.07.2000: Massimo Apap u Natasha Mizzi
08.07.2000: David Bartolo u Elizabeth Cassar

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

10.06.2000: Salvu Casha

## DONAZZJONIJIET B'RISQ IR-RIVISTA

John Tabone : A$50

## MARĊI TAL-FESTA

'San Ġorġ 2000' huwa l-isem ta' C.D. ġdid li l-Banda Ċittadina La Stella għadha kif ħarġet fl-okkażjoni tal-Festa tal-Qaddis Patrun t'Għawdex, San Ġorġ Martri. Is-C.D. jiġbor fih is-sett ġdid ta' għaxar marċi li l-Banda se ddoqq fil-festa ta' din is-sena, kitba ta' wħud mill-aqwa kompożituri tal-marċi f'dawn il-gżejjer. L-istess sett ġie wkoll rekordjat f'Casette Tape.
Fl-eżekuzzjoni ta' dawn il-marċi l-Banda kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur tagħha, Prof. Joseph Vella.
Kemm is-C.D. kif ukoll il-cassettte Tape jinsabu għall-bejgħ.

## 600 PERSUNA

**INGĦAQDU MAGĦNA S'ISSA FIL-PELLEGRINAĠĠI LI ORGANIŻŻAT IL-PARROĊĊA TAGĦNA GĦAL LOURDES**

**Bejn is-7 u t-12 t'Awissu 2000**

**Grupp ieħor immexxi minn Mons Salv Borg**

**Ser iżur din il-Belt Marjana.**

***BAQA' BISS L-AĦĦAR FTIT POSTIJIET***




# JIEM TA' FERĦ

Din il-ħarġa tar-rivista tagħna qed titwassal lilkom fil-bidu tal-festi solenni u singulari li ser jiġu ċelebrati fil-Bażilika tagħna u fil-Belt Victoria f'ġieħ il-Patrun tal-Parroċċa tagħna u ta' gżiritna San Ġorġ Martri.

Dawn il-jiem għalina lkoll huma jiem ta' ferħ. Kemm il-Bażilika tagħna kif ukoll it-toroq ta' beltna jilbsu l-libsa tal-festa biex jonoraw lill-Patrun tagħna. Iżda dan ma jkunx biżżejjed jekk aħna, kull wieħed u waħda minna, ma nilbsux ukoll il-libsa tal-festa. Din il-libsa trid tkun tixbaħ il-libsa sabieħa li San Ġorġ xedd bil-martirju tiegħu. Libsa li għandha tkun il-libsa ta' kull nisrani li dehen ta' ismu għandu jkollu fuqu mhux biss f'dawn il-jiem, imma matul il-jiem kollha ta' ħajtu.

Wara d-disa' ġimgħat ta' tħejjija, meta kull nhar ta' Ħamis tajna ġieħ lil San Ġorġ u smajna kemm il-Qaddis Patrun tagħna għandu jkun il-mudell għalina wkoll, jixraq li f'dawn il-jiem tal-festa nkomplu nitħeġġu, biex bħalu nkomplu ngħixu ħajjitna mdawwlin mit-tagħlim ta' Kristu, il-Feddej tagħna. Jekk dan iseħħ fina l-festa ta' San Ġorġ f'din is-Sena tal-Ġublew il-Kbir ma tkunx ġiet għalxejn u b'hekk l-iskop veru tal-festa tagħna jkun intlaħaq.

Lil hemm mill-aspett spiritwali tal-festi tagħna, f'pajjiżna f'dawn il-festi għandna wkoll tradizzjonijiet folkloristiċi li ma tistax tinsihom, għax huma magħġuna fina: il-baned bil-marċi tagħhom, il-logħob tan-nar, il-briju mat-toroq, it-tiżjin mat-toroq u mitt ħaġa oħra. Kollox sabiħ u kollox ikun f'postu jekk isir kollox bil-qies u mingħajr ma nużaw dawn l-affarijiet biex inweġġgħu lil xi ħadd. Il-festi ta' barra għandhom ikunu xhieda li bihom ukoll, għax hekk hi t-tradizzjoni f'pajjiżna, nagħtu ġieħ u glorja lill-qaddis protettur tagħna San Ġorġ Martri.

# IL-ĠUBLEW: X'INHU U GĦALIEX

*(Siltiet mill-ktieb ta' **Mons Salv Borg** – Pubblikazzjoni 'Lumen Christi')*

## IL-PORTA SANTA

### TIFSIRA SIMBOLIKA

Fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew id-dħul mill-**Porta Santa** għandu tifsira mill-Iżjed simbolika, ħaġa li tidher sa mill-qedem mill-Fonti tal-Magħmudija, li fl-antik, fil-Liturġija tal-Velja Paskwali, kien jiġi mqiegħed barra mill-bieb tal-knisja biex jindika l-Magħmudija bħala bieb tas-salvazzjoni: "***ianua sacramentorum***".

Fit-Testment il-Ġdid niltaqgħu mal-"bieb dejjaq", li minnu rridu ngħaddu sabiex nakwistaw il-ħajja: *Kemm hu dejjaq il-bieb u dejqa t-triq li tieħu għall-ħajja, u ftit huma dawk li jsibuha.* (Mt.7,14).

Niltaqgħu wkoll mal-bieb ta' qalbna, li fuqu jħabbat il-Mulej, waqt li jistenna li jiġi Lilu miftuħ sabiex jgħammar intimament magħna. "Ara jiena qiegħed wara l-bieb u nħabbat. Min jisma' leħni u jiftaħ il-bieb nidħol u niekol miegħu u hu miegħi." Ap.3,20)

Ġesu' qal ċar u tond: "Jien" u mhux l-oħrajn, jiena u jien waħdi:
- il-ħobż tal-ħajja (Ġw.6,35)
- id-dawl tad-dinja (Ġw. 8,12)
- ir-ragħaj it-tajjeb (Ġw. 10,11)
- il-qawmien u l-ħajja (Ġw. 11, 25)
- it-triq, il-verita' u l-ħajja (Ġw. 14,6)
- id-dielja vera (Ġw. 15, 1)

Hu żied ukoll is-simbolu Tiegħu Nnifsu f'bieb: "**Jiena l-bieb**" (Ġw.10,7).

Għan-Nisrani li jgħaddi mill-Porta Santa jfisser:
- stqarrija ta' Fidi inkondizzjonata f'Ġesù,
- turija tal-fiduċja propja fi Kristu,
- abbandun sħiħ fih,
- xhieda lid-dinja ta' għażla definittiva.

Fih u Bih aħna naqilgħu:
- il-maħfra tad-dnubiet,
- il-ħniena u r-rikonċiljazzjoni mal-Missier
- id-dħul fid-dar Tiegħu ("is-Saltna")
- biex ngħixu ta' wlied Tiegħu.

### AĦNA U L-PORTA SANTA

Li wieħed jgħaddi mill-Porta Santa hi deċiżjoni li tissoponi: il-libertà ta' l-għażla u l-kuraġġ li tħalli warajk kollox biex tikseb il-ħajja ta' dejjem.

### IL-PAPA U L-PORTA SANTA

Il-Papa, waqt li jgħaddi mill-porta Santa jrid juri lill-Knisja u lid-dinja l-Vanġelu Mqaddes, għajn ta' ħajja u ta' tama għat-tielet millenju. Il-Papa sejjaħ il-Porta Santa "simbolikament iktar wiegħsa" fit-tmiem tal-millenju u bidu ta' ieħor. Fit-"Tertio Millennio Adveniente" (nru.33) il-Papa kiteb hekk: "*Il-Porta Santa tal-Ġublew tas-Sena 2000 għandha tkun simbolikament iktar wiegħsa minn dawk kollha li ġew qabilha, għaliex l-umanita', li waslet f'dan il-punt, ser tħalli warajja mhux bis seklu Iżda millennju. Hi ħaġa sewwa li l-Knisja tidħol f'din il-mixja b'kuxjenza ċara dwar dak li għexet fl-aħħar għaxar sekli. Hija ma tistax tgħaddi 'l ġewwa mill-għatba tal-millennju l-ġdid, bla ma tħeġġeġ lil uliedha sabiex isaffu lilhom infushom billi jindmu mill-Iżbalji, mill-infedeltajiet, mill-inkoerenzi u traskuraġni.*"

### EŻAMI TAL-KUXJENZA SABIEX NGĦADDU MILL-PORTA SANTA

Il-Papa Ġwanni Pawlu II jistedinna ngħamlu eżami serju tal-kuxjenza tagħna f'dan il-Ġublew:

1. X'Għamilt mill-Magħmudija tiegħi?
2. Kif qed inwieġeb għas-sejħat li Alla għamilli?
3. X'għamilt bil-Konfirmazzjoni li rċivejt?
4. Xi frott irnexxieli noħroġ mid-doni u l-Kariżmi ta' l-Ispirtu s-Santu?
5. Kristu huwa dejjem preżenti fil-ħajja tiegħi?
6. Hi sħiħa u profonda l-adeżjoni tiegħi mal-Knisja, misteru ta' komunjoni missjunarja, kif dejjem riedha l-Fundatur tagħha u mwettqa fit-tradizzjoni ħajja?
7. Fl-għażliet tiegħi qed inkun fidil għall-veritajiet imfissra mill-Maġisteru tal-Knisja?
8. Il-ħajja tiegħi taż-żwieġ, tal-familja, dik professjonali hija mibnija fuq it-tagħlim ta' Kristu?
9. L-impenn tiegħi soċjali u politiku huwa bbażat fuq il-prinċipji evanġeliċi u d-duttrina soċjali tal-Knisja?
10. X'kontribut qed nagħti għall-bini ta' ħajja iżjed denja għall-bnedmin u għall-għarfien tal-Vanġelu fost it-tibdiliet kbar li qed iseħħu?

**Dan l-eżami tal-kuxjenza propost mill-Papa jgħinna niskopru l-identita' ta' nsara impenjati fit-tħabbir u fix-xhieda ta' l-imħabba.●**

## TISWIJIET MINN BARRA FIL-KOPPLA TAL-BAŻILIKA



Dan l-aħħar kompla jintrama l-armar neċessarju biex jsir ix-xogħol meħtieġ u urġenti fuq il-koppla tal-Bażilika tagħna li tiddomina l-panorama tal-Belt Victoria. Ftit kienu dawk it-tiswijiet li saru minn barra fil-koppla tal-Bażilika mindu saret id-dekorazzjoni tal-Prof. Ġużè Galea u l-pittura tal-Prof. Giam Battista Conti minn ġewwa. Għalhekk kien wasal iż-żmien li jsir dan ix-xogħol minn barra biex ikun protett kif imiss dak li hemm minn ġewwa, kapolavur ta' disinn u ndoratura u ġojjel ta' arti sagra barokka. Fir-ritratt il-koppla min barra tidher armata bl-i*scafolding* biex ikun jista' jimbeda x-xogħol neċessarju u jsiru t-tiswijiet meħtieġa qabel ix-xitwa li ġejja.

*Lejn is-Sena 2003*

## SAN ĠORĠ MARTRI

*Dun Ġużepp Gauci, mill-Kollezzjoni tiegħu "San Ġorġ fl-Arti u fil-Kultura" jagħtina tagħrif dwar:*

# ART TWELIDU META TWIELED L-ISEM

**DAĦLA**

Kull meta nitkellmu minn San Ġorġ Martri, dejjem nisimgħu l-espressjoni "Ġorġi tal-Kappadoċja", u quddiem għajnejn tiġi l-figura żagħżugħa tiegħu. F'din il-kitba tiegħi ser nikteb fil-qosor dwar il-Kappadoċja, dwar meta twieled San Ġorġ u dwar it-tifsira ta' ismu.

**Il-KAPPADOĊJA**

Spiss nisimgħu, f'xi talba lil San Ġorġ, xi kliem bħal: "Hekk kif hemm fil-Kappadoċja, Int twelidt nisel għażiż." Min-naħa l-oħra ġie li smajna lil min jitkellem minn San Ġorġ, bħala "Il-Kewkba ta' Lidda". Fejn twieled San Ġorġ, fil-Kappadoċja jew f'Lidda?

Fil-Biblioteca Comunali Ariotea ta' Ferrara, hemm manuskritt li hu klassifikat "Classe I. 430", u li tiegħu saret traskrizzjoni, fl-1723, minn ċertu G. A. Scalabrini, magħruf bħala "Notare della S.Sede Apostolica", u li ġie pubblikat fil-ktieb "San Giorgio tra Ferrara e Praga", maħruġ minn Gabriele Corbo Editore ta' Ferrara fl-1991. Dan id-dokument iġib it-titlu: "Vita del Glorioso Martire di Cristo S. Giorgio raccolta da diversi autori ed espugata dalle favole ed imposture". Fost l-oħrajn naqraw minnu din is-silta li hi traduzzjoni, kemm jista' ikun fidila, tiegħi: "Il-martri glorjuż ta' Kristu, San Ġorġ, twieled fil-Kappadoċja, provinċja ta' l-Asja Minuri, illum insejħha Amasja, Genec jew Suras, u kien imnissel minn ġenituri li mhux biss kienu ta' nisel nabbli, imma wkoll kbar fil-fidi ta' Kristu li kienu jistqarru. Ġorġi tant kiber f'din il-fidi li fiha kien edukat sa minn tfulitu, li sar pjanta għammiela ta' kull virtu. Wara l-mewt ta' missieru Geronzjo, baqa' taħt il-ħarsien ta' ommu li kien jisimha Policronja, li ħalliet il-Kappadoċja, u ħaditu magħha f'Lidda tal-Palestina, f'liema Provinċja hi kienet imwielda." Ninnutaw, hawnhekk li dan id-dokument jitkellem mill-Kappadoċja, provinċja l-Asja Minuri, bħala post tat-twelid ta' San Ġorġ, u minn Lidda tal-Palestina, bħala post tat-trobbija tiegħu.

Patri Arnaldo Vion, fl-opra tiegħu "Theatrum Terrae Sanctae", Vol 1, Kap. 7, waqt li jitkellem mill-Kavallieri Anici ta' l-Orjent, jikteb hekk: " de quorum numero fuit S. Giorgius, Cappadox et Martyr"- li minnhom ġie S. Ġorġ, mill-Kappadoċja u Martri."

Il-kittieb dwar l-Art Imqaddsa, Andronico Delfo, fil-ktieb "Terra Sancta", Vol.IV, n.43, jiddikjara: "Giorgia, fil-Palestina: kastell ta' San Ġorġ, fejn twieled: min-naħa tal-Lvant f'linja dritta qrib Tolemaide (illum S. Ġwann t'Akri), mill-Punent qrib Nasson, u qiegħed f'post muntanjuż, fil-wied fertili ta' Aser". Il-Finacchiaro (fil-ktieb "S. Giorgio", p.4 u 5), isejjaħ dan il-wied "Wied S. Ġorġ".

Issa, kif jgħdilna Patri Giorgio da Riano, Kapuccin, fil-ktieb tiegħu "San Giorgio: Grande Martire della Chiesa di Gesu Cristo", ippubblikat fl-1962, f'Taddeide di Riano, Ruma, "meta tgħid li S. Ġorġ twieled fil-Kastell ta' Giorgia fil-Palestina, hu l-istess bħal meta tgħid li l-Qaddis twieled fil-Kappadoċja, ladarba l-Palestina hi parti mill-Kappadoċja". U hawn, dan Patri Giorgio da Riano jniżżel nota: "il-Kappadoċja hi reġjun intern ta' l-Asja Minuri, li jmiss, mill-Lvant ma' l-Armenja, min-nofsinhar ma' l-Antitauro u t-Tauro taċ-Ċiliċja, mill-Punent mal-Likaonja, u, mit-Tramuntana, mal-Galizja u mal-Pontu. Hi reġjun għoli u parti minnu muntanjuża.

Is-Surius, li fis-Seklu XVI kiteb il-



L-ART IMQADDSA FI ŻMIEN ĠESÙ KRISTU

"Vitae Sanctorum", meta jitkellem minn twelid San Ġorġ, jgħid: "In Cappadocia, non oscuro loco (f'pajjiż magħruf), a christianis parentibus natus". L-istess "Atti ta' l-Appostli", meta ried juri li nhar Għid il-Ħamsin, f'Ġerusalemm kien hemm miġburin nies mid-dinja kollha ta' dak iż-żmien, fost il-15-il nazzjon li semma, ilkoll imdawrin ma' Ġerusalemm, semma lill-Kappadoċja. (ara: Atti 2: 8-11).

Fl-opra dwar San Ġorġ, tal-Borelli, maħruġa fl-1903 u tradotta għall-Malti minn Salvu Aguis fl-1932, naqraw silta li taqbel ħafna ma' dak kollu li qrajna s'issa: "L-art ixxurtjata li rat it-twelid tal-Qaddis tagħna kienet il-Palestina: u sewwasew dak ir-raħal imsejjaħ Giorgia, il-wied sabieħ dejjem mimli bil-ħdura li jinsab ftit aktar minn żewġ mili mill-ħelwa bejta ta' Nażaret. Issa billi l-għaref Kardinal Baronio, flimkien ma' oħrajn li huma wkoll wisq għorrief, huma kuntrarju għal dan li għidna, u jżommu li S. Ġorġ twieled fil-Kappadoċja, aħna ngħidu wkoll li dawn m'humiex għal kollox kuntrarju għal dak li għidna aħna. Skond ma jgħdilna l-imsemmi Finacchiaro, fiż-żminijiet qodna, is-Sirja jew Soria, kienet tissejjaħ Kappadoċja, u Kappadomarijuanaja kienet tissejjaħ Sirja, għax min-naħa ta' fuq kienu jingħaqdu flimkien; u, għalhekk, il-Palestina kienet tas-Sirja. Mela, meta dawn l-awturi qalu li San Ġorġ twieled fil-Kappadoċja, kienu qed jgħidu għal din il-biċċa art li hi fil-Palestina".

Minn dan it-tagħrif dokumentat, nistgħu naslu għall-konklużjoni li l-Kappadoċja fi fiha ngħidu li twieled S. Ġorġ, hi fil-parti ta' fuq tal-Palestina, minn fejn San Ġorġ, flimkien ma' ommu Policronja, telqu lejn il-parti t'isfel tal-Palestina, f'Lidda, wara l-mewt ta' missieru Geronzju. Għalhekk, jgħidu tajjeb ħafna u jkunu qed jaqblu flimkien perfettament, kemm dawk li jitkellmu minn "Ġorġi tal-Kappadoċja", kif ukoll dawk li jsemmu l-"Kewkba ta' Lidda": it-tnejn qed jitkellmu minn reġjun wieħed li f'partijiet differenti tiegħu, twieled u , imbagħad, trabba San Ġorġ.

**IS-SENA TA' TWELIDU**

Fl-opra tal-Borelli, li diġa semmejna, naqraw hekk: "Skond kittieba għorrief ta' min joqgħod fuq kliemhom, San Ġorġ tagħna twieled dwar is-sena 282 jew 283, u dawn il-kittieba jgħidu hekk, il-għaliex huwa kien miet fost l-aktar

martirji ħorox fil-bidu ta' dik il-kbira persekuzzjoni mqanqla minn Dioklezjanu, fis-sena 303, meta allura kellu bil-kemm 20 jew 22 sena."

Ngħiduha ċara, li mhux faċli tasal għad-data eżatta tat-twelid ta' xi persuna ta' dawk Iż-żminijiet, aktar u aktar meta wieħed iqis li f'dawk Iż-żminijiet ma tantx kienu joqgħodu jiffitaw dwar dati. Ħafna dati li għandhom x'jaqsu ma' dawk Iż-żminijiet-jekk mhux kollha-ġew mehmużin wara ħafna snin, u, għalhekk dwarhom irridu dejjem nużaw il-kelma "madwar". Ter ġa' persuna tkun għaraft l-importanza tagħha u, allura, li jkun xieraq iżżomm xi data dwarha, aktar f'mewtha milli fi twelidha u, jekk xi darba titkellem b'ċertezza mid-data tal-mewt ta' dik il-persuna, ma tistax tagħmel l-istess dwar id-data ta' twelidha. Għalhekk, din tad-data tat-"twelid" hi diffikulta komuni għall-qaddisin kollha u għall-persuni importanti kollha ta' dawk iż-żminijiet.

Imma, kif jagħmlu dwar kull persuna magħrufa, nagħmlu wkoll dwar San Ġorġ li hu fost l-aktar persuni magħrufin u meqjumin minn kulħadd ta' tmiem is-Seklu 3 u l-bidu tas-Seklu 4.

Mons Dante Balboni, fil-ktejjeb tiegħu "San Giorgio" ippubblikat mimarijuana-"Centro Studi su S, Giorgio" ta' Ruma, fl-1983, kiteb: "Id-data tat-twelid (ta' San Ġorġ) jidher li għandha tkun qrib il-280, meta nżommu f'moħħna d-data tal-mewt tiegħu, it-303, u r-riżultat ta' l-eżami xjentifiku ta' l-għadam ta' individwu ta' ftit aktar minn 20 sena."

Hawnhekk, allura, hu ta' min jgħid x'kien dan l-eżami xjentifiku. Dan kien eżami antropoloġiku li sar fl-Istitut Antropoloġiku ta' l-Universita' ta' Bolonja, fl-1978, mid-Direttur, Prof. Fiorenzo Facchini, fuq ir-relikwiji ta' San Ġorġ li hemm f'Como, fil-Velabro f'Ruma, fil-Katidral ta' Ferrara li hu dedikat lil San Ġorġ u fil-Bażilika San Giorgio Maggiore ta' Venezja. Dan l-istudju xjentifiku sar fuq inizjattiva ta' Mons Dante Balboni li hu minn Ferrara u jaħdem fil-Biblioteca Vaticana, u għandu mħabba kbira lejn San Ġorġ. Jien kelli x-xorti li nilqa' darbtejn lil Mons Dante Balboni, fid-dar tiegħl, fl-1984 u fl-1996, biex jara l-materjal li għandi dwar San Ġorġ fil-Kollezzjoni "San Ġorġ fil-Arti u fil-Kultura".

Ir-riżultat ta' dan l-eżami antropoloġiku li dwaru naqraw fid-dettal fil-ktejjeb ta' Mons Dante Balboni li diġa semmejt, fost l-oħrajn jgħid hekk: **"ho potuto confermare che le ossa conservate appertengono a un giovane di sesso maschile, dell'eta di oltre 20 anni, altezza 165 cm. E risalente al secolo terzo quarto della nostra era. La relazione scientifica viene a confermare la tradizione, che ha ritenuto quei rresti come appartenenti al martire San Giorgio di Lidda."** Hu interessanti ħafna l-fatt li tant relikwiji huma ta' l-istess żgħażugħ ta' qrib l-20 sena u li għex lejn tmiem is-Seklu 3 u l-bidu tas-Seklu 4.

Ir-relikwiji kollha li fuqhom sar dan l-eżami antropoloġiku ġew imqassmin f'ħames gruppi:

1. Ossa del cranio cerebrale e facciale
2. Colonna vertebrale
3. Cassa toracica
4. Cinto superiore e ossa dell-estremita' superiore
5. Cinto pelvico ed estremita' inferiore.

F'kull grupp (fir-rapport imsemmi) tingħata deskrizzjoni tar-relikwiji li jiffurmaw parti minn dak il-grupp. Hemm ukoll disinn ta' skeletru uman li fih hemm muri bl-iswed ir-relikwiji identifikati, li huma l-parti l-kbira ta' l-iskeletru kollu.

Dan l-istudju tana konkluzjoni importanti li biha nistgħu noqorbu ħafna lejn id-data tat-Twelid ta' San Ġorġ. Jekk mis-sena 303, is-sena tal-Martirju ta' San Ġorġ, innaqsu l-20 sena jew kważi, li kienet l-eta li ġiet identifikata minn dan l-istudju serju, naslu għas-sena 283, bħala l-eqreb sena indikata bħala s-sena tat-Twelid ta' San Ġorġ.



**L-ISEM**

L-isem Ġorġ, **"Georgius"**, ġej minn żewġ kelmiet Griegi: **"geos"**, li tfisser art, u **"orge"**, li tfisser taħdem, tieħu ħsieb. U allua, **"georghios"** tfisser ħddiem l-art, bidwi. Id-Duttur tal-Knisja, San Pietru Damjan, kiteb: "L-isem ta' Ġorġl jfisser ħaddiem ta' l-art; u dan il-Qaddis kien tabilħaqq il-veru ħaddiem, għax hu mhux biss ħadem spiritwalment ir-ruħ tiegħu, Iżda wkoll, b'tant ħeġġa u b'tant twissijiet rebaħ u bidel il-qlub ta' bosta oħrajn". (Sermo 3, "De S.Georgio").

Fost il-ħafna xbihat ta' San Ġorġ li ltqajt magħhom, tolqotni ħafna x-xbiha allegorika dwar isem San Ġorġ, li fiha l-Qaddis għadu tarbija, jidher mindud fuq il-ħamrija ta' għalqa maħduma, u l-bidwi li kien qed jaħdem l-art bil-moħriet miġbud mill-gniedes, waqaf jikkontempla lil din it-tarbija, għax bħal jara fiha "bidwi ġdid". F'dan il-bidwi jien nara 'l Alla, li Kristu stess xebħu ma' bidwi: "Missieri hu l-bidwi" (Gw.15:1), sodisfatt bit-twelid ta' San Ġorġ, għax fih sab min ikompli l-ħidma tiegħu ta'bidwi ta' ħaddiem l-art spiritwali.

U, tassew, San Ġorġ ħadem l-art spiritwali, ġab ruħu tassew ta' bidwi veru kif ifisser ismu. San Ġorġ ħadem,

- l-art spiritwali tiegħu b'ħajja mżejna bil-virtujiet insara;
- l-art spiritwali ta' ħafna oħrajn li, imqanqlin mill-eżempju tiegħu, saru nsara;
- l-art spiritwali ta' ħafna bnedmin ta' kull żmien u ta' kull ġens li dejjem tawħ qima u żammewħ b'mudell ta' ħajja tassew nisranija.

Mela l-isem **"Georgius"** ifisser "ħaddiem l-art". U kif kiteb Patri Giorgio da Riano, Kapuccin, fil-ktieb tiegħu li diġa semmejt, "Ġorġi kien bidwi espert, mhux ta' l-art, imma tal-virtu, li hu għex għaliħ innifsu u li għallem bl-eżempju tiegħu."

***RIFERENZI:***

Amministrazione Provinciale di Ferrara: "San Giorgio tra Ferrara e Praga": Gabriele Corbo Editore, Ferrara, 1991.

Da Riano, P. Giorgio OFM Cap.:"San Giorgio Martire- Grande Martire della Chiesa di Gesu Cruisto": Tipografia Taddeide di Riano, Roma: 1962.

Borelli, Salvatore: "Il Megalomartire San Giorgio" : Napoli, 1902.

Balboni Dante: "San Giorgio" :Centro Studi Su San Giorgio, Roma, 1983.

# IL-ĠENS ANICIA JEW IL-FAMILJA ANICI LI MINNHA ĠEJ IL-PATRUN TAGĦNA SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI

*Mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap*

### Il-Qaddisin mill-ġens Anicia

Mill-"Ġens Anicia" li kisbet reputazzjoni wara żminijiet Kristjani, insibu qaddisin, papiet, isqfijiet u nies eminenti għal pjeta', u tagħlim li ġejjin minnha. Ħekk per eżempju "Probus Anicius" li kien Prefett li tilef lil Sant'Ambroġ fil-post civili f'Milan profetikament ipprova minn din il-ġrajja qal: "Mur mhux bħal imħallef imma bħala isqof." Hu kien konslu ma' l-Imperatur Grazzjanu fis-sena 371.[1]

San Glormu, fl-ittra tiegħu lis-Soru Demetria, isejħilha mill-familja "Anici", u Santu Wistin jagħmel l-istess lis-Soru Proba u Guljana. Mill-familja Anici nsibu wkoll lil Papa Felic II fir-Raba' Seklu.[2] (*Nota: Il-Papa Feliċ II, fil-prattika kien "Antipapa" għaliex l-eżempju ta' qawwa muri minn (S) Liberio (352-366) għamel impressjoni qawwija fuq il-poplu li jikkunsidrah bħala Papa leġittimu. Dan l-"Antipapa" konfuż ma' wieħed mill-Martri l-iktar popolari ta' Ruma deher fil-"Liber Pontificalis" bit-titlu ta' Papa, u fil-kożajki ta' San Paolo jidher bl-isem ta' Felic II. Fin-numerazzjoni tal-Papiet li kellhom dan l-isem ma deherx iżjed.*[3]

Mill-"Familja Anici" insibu wkoll lil San Girgor il-Kbir, lil Qaddisin Ġorġi, Pawlinu, Benedittu u Skolastika.[4] Ma dawn il-qaddisin inżidu wkoll il-Papa San Feliċ III [5].

Mill-istess fergħa tal-familja Anici nsibu l-"Ursini", ta' Ruma, "Michaeli" ta' Venezja, u l-aħħar id-dar ta' Rudolph ta' Hapsburgh fl-Austria.[6]

Sas-Seklu Tmienja wieħed minnhom ġie msejjaħ min-nies "Frangepanibus" għax kien magħruf għall-karita' tiegħu. Fis-sena tal-Mulej 717, ix-xmara Tevere faret u ħafna nies ġew salvati fid-dgħajjes ta' "Flavius Anicius", li mar ukoll iqassam il-ħobż fost dawn l-imsejkna. Il-laqam tiegħu ta' "Frangepani" ġie mill-gratitudni ta' dawn in-nies.[7]

### QADDISIN LI ĠEJJIN MILL-FAMILJA ANICI

### San Ġorġ Megalomartri

Id-data tat-twelid ta' San Ġorġ tidher li għandha tiġi iffissata lejn is-sena 283 w.k., jekk irridu nżommu d-data tal-mewt 303. Dan hu riżultat ta' l-eżami xjentifiku ta' l-għadam ta' individwu ta' eta ta' ftit aktar minn għoxrin sena. Il-ġenituri tiegħu kienu Geronzju, Persjan u Policronia mill-Kappadoċja. Dawn edukawh reliġjożament sal-mument li daħal fis-servizz militari [8]. Il-martirju ta' San Ġorġ seħħ fi żmien l-imperatur Dioklezjanu [9].

Forsi l-ebda qaddis ma kiseb qima popolari daqs San Ġorġ u xhieda ta' hekk huma l-knejjes bla għadd dedikati lilu.[10] F'Lidda, (Diospolis), fil-Palestina l-qabar ta' San Ġorġ kien meqjum sa mill-qedem, kif nafu minn Teodosju Perigeta li għex madwar is-sena 530.[11] Is-Santwarju mibni fuq il-qabar f'Lidda huwa post ta' bosta pellegrinaġġi sa mis-Seklu IV.[12] L-Eżistenza ta' San Ġorġ u l-Martirju tiegħu huma ppruvati mill-qima li ġiet mogħtija lilu sa minn żmien l-iktar imbiegħed.[13]

### San Benedittu u Santa Skolastika

Euprobo Anicio, żgħażugħ nobbli missenat ta' Ruma kien ġie mibgħut barra minn Nursia fejn wara daħal bħala gvernatur meta Fosco offra d-dimissjoni tiegħu. F'qasir żmien Euprobo ġab l-ordni f'Nursia. Hawn tħabbeb ma Abbodanza, bint il-kontessa Diana, li ħadha bħala martu. Alla bierek din l-għaqda u minnhom twieldu Benedittu u oħtu Skolastika.[14]

San Benedittu twieled f'Norcia madwar is-sena 480. Wara li kompla l-istudji f'Norcia u f'Ruma rtira f'Subiaco fejn għex ta' eremit. Huwa mar f'Montecassino lejn is-sena 529, kisser kull ħjiel pagan u waqqaf monasteru. Huwa biddel tempju pagan fi knisja nisranija dedikata lil San Martin ta' Tours li kien meqjum bħala l-promutur tal-ħajja monastika. Fuq il-quċċata tal-muntanja fejn kien hemm altar lil Apollo waqqaf Kappella lil San Gwann Battista, li wara żviluppat f'Bażilika fejn ġie midfun kemm hu kif ukoll oħtu Santa Skolastika.[15]

F'Montecassino San Benedittu kiteb ir-Regula famuza tiegħu, dokument mimli għerf Ruman u spiritwalita' Evanġelika, li għallmet nies u nazzjonijiet fil-qdusija nisranija, fl-imħabba fraterna, fid-dmir tax-xogħol u fil-ferħ, sliem u progress.[16] Il-Papa Pawlu VI, f'Ottubru 1964 għamel lil San Benedittu Patrun ta' l-Ewropa meta mar Montecassino biex jikkonsagra Bażilika ġdida wara l-ħerba tal-gwerra.[17]

### Il-Papa San Felic III (483-492)

Twieled f'Ruma mill-familja nobbli Anicia. Huwa ġie magħżul fuq propsta ta' Odoacre. Fittex li jġib is-sede ta' Ruma għall-istess livelli tal-Papa Ljuni. Fuq hekk kien bagħat żewġ isqfijiet f'Kostantinopli biex jitolbu tifsir fuq l-imġieba tal-Patrijarka Acacio, li megħejjun minn Zenone neħħa lill-isqof ta' Alessandria. Acacio ikkorrompa liż-żewġ isqfijiet li ma ġabux fit-tmiem l-inkarigu tagħhom u b'hekk ġew skomunikati mill-Papa Felic. Huwa skomunika wkoll lil Acacio talli ma tax kont tal-kelma tal-Papa u ġab xiżma li damet 35 sena. Il-Papa Felic III huwa l-uniku Papa midfun f'San Paolo Fuori le Mura.[18]

### San Girgor il-Kbir (590-604)

Lejn is-sena 540 fid-dar manjifika ta' Giordano Anicio twieled Girgor, il-ġemma għażiża tal-fergħa patrizja qadima u glorjuża.[19] Laħaq il-Prefett ta' Ruma, imma fis-sena 574, imħajjar kif kien għall-ħajja reliġjuża, biddel daru f'Monasteru dedikat lill-Sant Andrija, taħt l-Abbati Valentius. Il-Papa Lelagju II ordnah Djaknu fis-sena 578 u ħatru Nunzju f'Kostantinopli, fejn baqa' sas-sena 585. Fis-sena 586 ġie lura Ruma u laħaq Abbati fil-Monasteru. Huwa ġie magħżul Papa fis-sena 590, waqt li f'Ruma kien hemm il-pesta. Huwa mexxa proċessjoni bix-xbieha tal-Madonna "Salus Populi Romani". Huwa bagħat lill-Benedittin Santu Wistin ta' Canterbury u 40 patri fl-ingilterra fejn ikkonvertew bosta nies. Kiteb il-ħajja ta' San Benedittu u għandu wkoll xogħlijiet oħra dwar l-Iskrittura, il-Fidi u l-Morali. Miet fit-12 ta' Marzu 604, fl-eta ta' madwar 64 u jinsab midfun u meqjum fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan qrib il-bieb tas-sagestija.[20]

Fl-aħħar bil-vrus tal-poeta nazzjonali Mons Karm Psaila, mill-Innu Popolari li kiteb lil San Ġorġ, insellmulek Protettur u Patrun Ġorġi tagħna:

Fjur tal-Martri Ġorġi tagħna
Ismek jgħid egħġubijiet
Fuq tjubitek, fuq agħmilek
Tkellmu l-ibgħad żmenijiet.

***Riferenzi:***


1. W.F. Wingfield. MA Oxon; M.D. Pisan. "A Tour in Dalmatia, Albania and Montenegro. With a Historical Sketch of the Republic of Ragusa from the Earliest Times down to its Final Fall" (1859) p.12.
2. Ibid. Op.Cit.pp.12,13.
3. Claudio Rendina. "I Papi Storia e Segreti" (1983) pp.89,90.
4. W.F. Wingfield MA Oxon.,M.D. Pisan. Etc. p.13
5. Antonio Lopes. "I Papi La vita dei Pontefici Attraverso 2000 Anni di Storia" (1997) p.17.
6. W.F. Wingfield MA Oxon., M.D., Pisan. Etc. p.13
7. Ibid. p.13
8. Piorello F. Ardizzon, "San Giorgio Martire nel Tempo e nell'Attualita'" Mostra Iconografica nel XVII Centinario della Nascita. Mons Dante Balbone. Notizie Storice su San Giorgio. p. 16. La Vita,
9. Ibid. Op.Cit. p.17.
10. Ibid. p.18.
11. Mercieca George (Rev): San Ġorġ Martri. (1971) p.10.
12. Ibid. Op. Cit. p.10
13. Don Eugenio Pilla: Enciclopedia dei Santi. 23 Aprile. P.208
14. V. Battistelli. Benedictus il-Santo del Lavoro. (1942) pp.44,45.
15. The Abbey of Montecassino. An Illustrated Guide.
16. Ibid. Op.Cit
17. Kan. G. Grech Cremona, Qaddisin għal Kull Jum. (1997) p.110.
18. Antonio Lopes. "I Papi" etc. p.17.
19. V.Battistelli. Consul. Dei. San Gregorio Magno. (1942) p.3
20. Kan. G. Grech Cremona. Qaddisin għal Kull Jum. P.151.

## Rokna għat-Tfal

Kif intom, għeżież tfal! Żgur li tinsabu ħafna aħjar mill-aħħar li tkellimna, meta kontu għadkom imsammrin ma' bank l-iskola bl-eżamijiet ġejjin. Iżda issa ħadtu n-nifs u tinsabu fil-vaganzi. Żgur li ftit tal-mistrieħ jagħmel tajjeb lil kulħadd. Fuq kollox ninsabu fiż-żmien sabiħ tal-festa tal-Patrun tagħna, il-Megalomartri San Ġorġ. Nafi li tħobbuh u min jaf kemm ilkom tistennew jaslu fuqna dawn il-jiem ta' ferħ , meta lkoll flimkien nfirħu u niċċelebraw.

Imma biex inkunu veri "Ta' San Ġorġ" irridu tassew ngħixu skond il-qalb tiegħu u nfasslu ħajjitna fuq il-passi tiegħu, mhux bil-paroli, iżda bil-fatti. F'dawn il-jiem, irridu mhux biss niddevertu u nixxalaw, inżanżnu xi libsa ġdida, niżfnu mal-marċ u ngawdu l-logħob tan-nar, imma fuq kollox, ta' spiss irridu nersqu lejn il-knisja sabiħa tagħna fil-qalba ta' beltna u ngawdu l-funzjonijiet sbieħ li jsiru.

B'mod speċjali matul il-jiem tal-festa, il-knisja tagħna tkun qisha ġenna, kollha mżejna, b'mużika li tpaxxi l-widna u bl-istatwa ħajja, trid tkellmek, ta' Ġorġi tagħna tiddomina l-Bażilika. Tinsewx, mela, il-festa ta' barra importanti: iżda il-festa fil-knisja ma rridux ninsewha jew nittraskurawha.

Ejjew għalhekk, għeżież tfal, nhar il-Ħadd fil-għaxija, meta San Ġorġ joħroġ idur fuq l-ispallejn mat-toroq ta' beltna fost iċ-ċapċip u l-mixgħela, akkumpanjat mill-Banda La Stella, ikoll flimkien għidulu:

*"Meta l-Ħadd fl-għaxija toħroġ*
*Mat-triqat ta' beltna ddur*
*Ħastek ifta' fuqna Ġorġi*
*Qalbna bik timtela, tfur!"*

Intant wara l-festa, żgur li ħafna minnkom imbagħad imorru jqattgħu xi jiem ħdejn il-baħar. Sabiħ il-għawm u jagħmel ħafna ġid lill-ġisem tal-bniedem. Iżda oqogħdu attenti mill-qilla tax-xemx għax din tista' tkun ta' ħsara għal ġilda tal-bniedem u għalhekk toqgħodux għal siegħat twal għar-raġġi qawwija tagħha. Mill-bqija nittama li jkollkom riżultati sbieħ fl-eżamijiet u li tagħarfu tagħmlu użu tajjeb mill-ħafna ħin liberu li sa jkollkom.

Attenti wkoll mill-ħbieb li jkollkom matul is-sajf. Tinsewx xi jgid il-qawl: "Ma min rajtek xebbaħtek". U proverbju ieħor jgħdilna: " Għidli ma' min tagħmilha u ngħidlek x'int."

Mela attenti! Il-vaganzi t-tajba lil kulħadd.

KOMPETIZZJONI: Ktieb sabiħ mill-"Klabb Kotba Maltin" jitla' bix-xorti fost dawk li jwieġbu tajjeb din il-mistoqsija: *"X'kien jismu dak l-imgħallem li ħadem l-istatwa artistika ta' San Ġorġ li għandna fil-Bażilika tagħna?"*

Ibgħat it-tweġiba flimkien ma' ismek u l-indirizz tiegħek lill-
Editur, "Il-Belt Victoria",
Bażilika San Ġorġ,
Victoria, Għawdex.

Żmien għandkom sal-31 ta' Lulju.
Saħħa tfal.

*Iz-Zijiu Peppi.*

***(Il-Kompetizzjoni tal-ħarġa ta' Mejju-Ġunju 2000 intrebħet bix-xorti minn GRAZIELLA SACCO , Blk.K.A., Flat 5, Sannat Rd. Victoria.)***

---

***(Ikompli ma' l-ewwel parti li dehret fil-ħarġa Nru.114 ta' April-Mejju 2000 f'paġna 6)***

## IL-QIMA LEJN IL-MADONNA TA' MEJJU FIL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

*Mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap*

### MEJJU FIL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

Sa qabel il-Konċilju Vatikan II, li kien fetaħ fis-sena 1962, fil-knejjes Parrokkjali, u knejjes oħra, fix-xahar ta' Mejju kienet issir priedka kuljum dwar il-Madonna. Fis-Seminarju t'Għawdex il-Kjeriċi kienu jagħmlu l-priedka fil-Kappella u wara l-Benedizzjoni Sagramentali, kien isir kant ta' tifħir lill-Madonna. Fit-taraġ tas-Seminarju kien hemm ukoll kwadru żgħir b'kitba ta' fjurett spiritwali kuljum. Dak iż-żmien il-quddiesa ta' fil-għaxija (Vespertina) kienet għadha ma bdietx issir.

Fil-Bażilika ta' San Ġorġ ix-xahar ta' Mejju kien isir b'solennita' kbira. Dan ix-xahar kien imwaqqaf f'din il-Parroċċa Veneranda fl-1868, b'fondazzjoni ta' priedka kuljum fuq il-Madonna (barra mill-Ħdud meta kienet issir il-priedka tal-Katekeżmu mill-Arċipriet). Wara l-Priedka kienet titkanta r-Regina Coeli, tingħad il-litanija tal-Madonna u tingħata l-Barka Sagramentali.

Dak li niftakar u li għadu ċar f'moħħi meta kont abbati fl-1938 huwa dan li ġej. Għall-priedki ta' Mejju s-servjenti ta' San Ġorġ li kienu, Mikelanġelu (Ġanġu) Aguis u Manwel Cini, illum mejtin, kienu jarmaw il-palk tal-katekeżmu jew kif konna nsejħulu ta' l-Eżerizzi. Dan kien jintrama' quddiem il-pilartru maġġur li jiġi quddiem il-pulptu. Dan kien jibqa' aramat matul ix-xahar ta' Mejju u kien jitneħħa għall-festa titulari li sa l-1953 kienet issir fir-raba' Ħadd ta' l-Għid, però li kienet imbagħad ġiet trasferita għat-Tielet Ħadd ta' Lulju. Il-predikatur kien jitla' fuq il-palk permezz ta' taraġ żgħir ta' l-injam bil-poġġaman tal-ħadid. It-tliet faċċati tal-palk kienu jkunu mgħottija b'faldrappa ħadra bi frenża safra. Qabel ix-xahar ta' Mejju l-Arċipriet Mons Mikiel Cefai Prel. Dom. (1944-1975) kien iqassam il-priedki lil saċerdoti differenti. Il-predikatur kien jippriedka bil-qiegħda.

L-organista tal-Parroċċa ta' San Ġorġ dak iż-żmien kien Dun Karm Hili, li kien jiġi ħu l-Arċipriet Alfons Marija Hili (1917-1943). Lil Dun Karm Hili nafu Rettur tal-Knisja filjali ta' San Ġorġ, San Ġużepp "Tas-Suq". Huwa kien ukoll Viċi-Parroku f'San Ġorġ u Prokuratur żelanti tal-Parroċċa. Fi żmienu, fl-1925, sar is-sett ta' qniepen ġodda mid-Ditta Baricozzi ta' Milan. Dun Karm Hili miet bħala Monsinjur tal-Katidral fl-1955.

Wara l-priedka l-abbatini kienu jitilgħu fil-gallerija ta' l-orgni biex ikantaw ir-Regina Coeli u l-Litanija. Dun Karm Hili kien organista tajjeb, u kien iħobb jgħallimna litaniji oħra differenti.Karmnu Spiteri (ta' l-Aħmar) kien jonfoħ il-minfaħ ta' l-orgni. Il-Barka Sagramentali kien jagħtiha l-Viċi-Parroku li kien ikun tal-Ġimgħa u miegħu kien joħroġ s-Sagristan Maġġur u abbati biċ-ċensier. L-Arċipriet Cefai kien ikun f'postu fil-kor iwieġeb fil-kant tal-Litanija. Dak iż-żmien is-sittax il-post fil-kor kienu jkunu mimlija bil-qassisin. [2]

### IL-KWADRU TAL-MADONNA TA' MEJJU

Dan il-kwadru għandu gwarniċ ta' l-injam bi skultura barokka u ndurat fuq il-bornut bid-deheb. Dan il-kwadru atistiku, li matul is-sena jkun fuq l-artal tal-kor (barra fil-festa ta' San Ġorġ), kien jitpoġġa fuq l-artal maġġur (li nqala' fl-1955). Kien jieħu ħsieb din il-biċċa xogħol Toni Tabone (Ta' Nisju) li kien il-mastrudaxxa ta' San Ġorġ. Il-kwadru huwa xogħol Pierre Guillemin u kien ġie restawrat mill-pittur malti Ġużeppi Briffa fi żmien l-Arċipriet Mons Emanuele Mercieca Prel. D'Onor. Waqt ir-restawr Briffa kixef il-fatt li dan tpitter minn P. Guillemin f'Ruma fl-1732. Ir-restawr kien qam Lm50. [3]

L-artal Maġġur kien ikun imżejjen bil-ġilju magħruf bħala "Il-bastun ta' San Ġużepp". Il-fwieħa ta' dan il-ward kienet tfewwaħ il-knisja kollha. L-artal maġġur kienu jarmawh iż-żewġ sagristani maġġuri bil-gandlieri prima u sekonda. Fi żmieni dawn kienu Dun Ġorġ Grech (tad-Dublun) (+1943) u Dun Pawl Micallef (+1956)[4].

Fl-aħħar jum ta' Mejju kien jitkanta l-Għasar bil-mużika u jsir paniġierku fuq il-Madonna minn fuq il-pulptu. Il-pupltu ta' San Ġorġ għandu storja kbira u glorjuża għax fuqu telgħu l-aqwa predikaturi. Wara l-paniġierku kien jitkanta t-Te Deum bil-mużika u l-Arċipriet kien joħroġ jagħti l-Barka Sagramentali. Il-knisja kienet tkun fgata bin-nies li dak iż-żmien kienu għadhom jilbsu l-għonnella sewda.

***Riferenzi:***

1. P. Gabriele M. Roschini O.S.M.: Dizionario di Marilogija. (1961) pp. 354-355
2. Kan. Dun Nikola Vella Apap, Folklor mir-Rabat ta' Għawdex. Ms. P.46
3. Kan. Dun Nikola Vella Apap. "Kronaka", Vol.26. Ms. Pp. 588,577.
4. Kan. Dun Nikola Vella Apap. Folklor mir-Rabat ta' Għawdex, Ms.pp.47,48

# IX-XOGĦOL FUQ IL-PROĠETT TAT-TKABBIR TAĊ-ĊENTRU PARROKKJALI

Matul dawn l-aħħar ġimgħat ix-xogħol fuq it-tkabbir taċ-Ċentru Parrokkjali qabad ritmu tajjeb kif jixhdu r-ritratti li qed nippubblikaw. Ix-xogħol kien jikkomnsisti fi twaqqiegħ ta' bini antik, li mhux abitabbli fiż-żminijiet ta' illum, li kien hemm fi Triq San Ġorġ u li kien sar propjeta' tal-Parroċċa tagħna matul dawn l-aħħar snin. Minħabba li fejn qed isir ix-xogħol it-triq hija dejqa, Pjazza San Ġorġ qed tkun ta' spiss mimlija trakkijiet jgħabbu terrapin u taħmil li jkun irid jinġarr. Mons Arċipriet stess, ftit ilu, irringrazzja lil dawk il-familji li jabitaw fil-viċin għall-koperazzjoni tagħhom minkejja l-inkonvenjenzi kollha li qed ikollhom jgħaddu minnhom.

Dan il-proġett huwa wieħed li jħares 'l quddiem, lejn żminijiet li żgur mhux ser ikunu bħal ta' illum. Kif deher mill-pjanti li kienu ġew esebiti, il-proġett jinkludi mhux biss uffiċini amministrattivi tant meħtieġa għall-Parroċċa, imma wkoll parti, fejn 'l quddiem saċerdoti anzjani jkunu jistgħu faċilment jabitaw u jkunu jistgħu jkomplu jagħtu s-servizz tagħhom fil-Knisja. Barra dan ta' min iżid ukoll il-Kappella tas-Sagrament li hemm ippjanata u li ser tkun tista tintlaħaq mill-Kappella tal-Kuċifiss.



Dan kollu jfisser investiment ta' eluf kbar ta' liri, imma aħna konvinti li ser ikun hemm, kif ġa kien hemm, qlub verament ġenerużi hafna li jgħinu finanzjarjament biex dan il-proġett jitwettaq. Però ma rridux ninsew ukoll oħrajn li qed jgħinu b'pariri, xogħol voluntarju u mitt ħaġa oħra biex dak li nbeda jitkompla u jinġab fit-tmiem fl-iqsar żmien possibbli.





# *TLESTA L-EWWEL KWADRU TAS-SAGRESTIJA L-GDIDA*

## *Xogħol tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi*

It-tema ta' dan il-kwadru hija: "Il-konverżjoni tą' l-Għawdxin u l-bidu tal-qima lejn San Ġorġ Patrun t'Għawdex". Fil-kwadru jidhru t-tempji neloitiċi tal-qedem fl-isfond tal-belt Rumana, il-belt pagana tal-gżira t'Għawdex fejn illum jinsab ir-Rabat. Fis-sema jiddi s-salib ta' Kristu, indikat mis-saċerdot li qed ixandar il-Bxara t-Tajba lill-poplu tal-gżira. Jidhru s-saċerdoti u d-djakni Griegi bl-ilbies Biżantin, qed iġorru l-ikona bix-xbieha tal-Verġni Mbierka b'Ġesu' fi ħdanha, San Ġorġ u San Teodoru, dawn it-tnejn qaddisin tal-knisja Orjentali li l-qima tagħhom xterdet max-xtut kollha tal-Mediterran.

Din l-ikona, waħda mit-tliet ikoni l-aktar qodma li ma nqerdux fil-kriżi ikonalastika tas-seklu 7, għadha konservata fil-Monasteru tas-Sinaj. Kienet saret f'Kostantinopli qrib is-sena 550 wara Kristu u fiha San Ġorġ jidher wieqaf, liebes l-ilbies regali tal-martri u bis-salib f'idu, dak iż-żmien simbolu tal-martirju.

Dan il-kwadru tpitter mill-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi b'ideazzjoni ta' l-Arċipriet Mons Ġużeppi Farrugia u ġabar għalih Mons Anton Grech Vella li ħadem u stinka biex is-sagrestija l-ġdida tkun dekorata b'mod xieraq. Ma' Mons Anton Grech Vella ikkollaboraw diversi benefatturi tal-Parroċċa, fosthom il-Kan. Dun Joe Mejlak li rregala żewġ linef tal-kristall mill-iktar sbieħ. Din is-sagrestija ser tiġi nawgurata nhar it-Tlieta, 11 ta' Lulju, dritt wara l-ħruġ ta' l-istatwa min-niċċa.



*Mons Arċipriet (lemin) u Mons Anton Grech Vella (xellug) flimkien mal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi jammiraw il-kwadru waqt li kien għadu fl-istudju ta' l-istess pittur.*